Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAS-SEBA' U ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 1 ta' Ġunju 2011

**Ħin:** Mis-5.45pm sat-7.05pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Il-Kunsillier Trevor De Giorgio (wasal fis-5.48pm)
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sitta u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill.</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tas-Sitta u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tas-Sitta u Erbgħin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti.</u>**

**1.** Is-Segretarju Ezekuttiv irreferiet għaċ-ċaħda tal-permess minn Transport Malta biex jinżebagħ *single white line* quddiem il-bieb ta' wara ta' Fra Guzeppe fi Triq Dun Spir Sammut u nfurmat lill-Kunsill illi saret bankina temporanja sakemm jsir ix-xogħol fuq it-triq peres li s-sid ta' Fra Guzeppe ma riedx jistenna sakemm isir ix-xogħol fuq it-triq peres li l-klienti tiegħu ma setgħux jidħlu għandu minħabba li l-vetturi kienu qed jipparkjaw viċin it-taraġ.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Perit Bezzina pprezenta l-kwotazzjoni meħmuza għad-disinn ta' *Pedestrian Crossing ħdejn HSBC* fi Triq Idmejda u kjarifika permezz ta' emajl datata l-1 ta' Ġunju 2011 li ntbagħtet lill kunsillieri qabel il-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni għas-somma ta' €325 exc VAT.

3. Il-Viċi-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Lejla Balzanija ser issir fid-29 ta' Lulju 2011 peres li fil-ġurnata li kienet ippjanata oriġinalment kien hemm attivita' tal-Kazin San Gabriel. Il-

Kunsill unanimament qabel li l-kalendarju ta' l-attivitajiet tal-Kunsill għandu jintbagħat lill-ħames Kazini tal-raħal sabiex l-attivitajiet li jiġu organizzati ma jaħbtux ma xulxien.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li kitbet lis-Sur Bezzina dwar in-numru ta' kotba minn tiegħu li behsiebu jixtri l-Kunsill dwar l-istorja ta' Ħal Balzan huwa nfurmha li l-prezz tal-ktieb lill-Kunsill mhux €8 imma €18 (Korrispondenza Ittra 532/11) għaldaqstant id-deċizjoni tal-Kunsill li jixtri 150 ktieb trid terġa tiġi diskussa. Il-Kunsill unanimament qabel li flok 150 ktieb ta' €8 il-wieħed jixtri 60 ktieb ta' €18 il-wieħed. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ktieb ser jiġi *launched* fl-24 ta' Ġunju 2011 u ser jinkludi ringrazzjament lill-Kunsill.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija marret fuq il-post u kkonsultat mal-Viċi-Sindku dwar it-talba biex issir *parking bay* fi Triq il-Papa Alessandru VII bejn il-grada tas-*service entrance* ta' Casa Antonia u d-*double yellow lines* li hemm mad-dar tas-Sur Camilleri. Billi jidher li fil-post imsemmi tista tipparkja vettura, hija ħadet l-inkariġu u kitbet lill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex jinkiseb il-permess neċessarju biex tinżebagħ *parking bay*. Il-Kunsill unanimament approva dak li sar.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li saret taf li skond il-liġi, il-Kunsill Lokali suppost qed jipprovdi *sun block* lill ħaddiema tal-Kunsill li jaħdmu barra fix-xemx, wara konsultazzjoni mas-Sindku xtrat il-prodott u pprovditu lill-ħaddiema nhar it-Tlieta filgħodu fil-prezenza tal-Viċi-Sindku, bi struzzjonijiet li meta jinħela jridu jippreżentaw il-kontenitur il-vojt biex jieħdu ieħor.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi fil-polza ta' l-assigurazzjoni tal-Kunsill taħt *Combined Insurance Policy* hemm klawsoli ġodda dwar *Fire Extinguishing Appliances Warranty u Protection Maintenance Warranty. Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu stallati Fire Extinguishing appliances* kif mitlub.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-ditta Abakus Solutions Website Management ipprezentat kwotazzjoni għal-bdil ta' l-isem tal-website tal-Kunsill minn "Balzan" għal-"Ħal Balzan" liema kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' €236. Il-Kunsill ma approvax li jsir ix-xogħol u l-website għandha tibqa kif inhi.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wasal il-*Co-financing Agreement* (Korrispondenza Ittra 534/11) għall-iffirmar.

   Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-*Co-financing* li ġie approvat ma jammontax għal-15% jew €69,107.23, kif oriġinalment kien infurmat il-Kunsill imma dan ser jammonta għas-somma ta' €43,278.49 jew 9.4% tal-proġett, għaldaqstant il-Kunsill irid joħroġ €25,828.74 mill-fondi tiegħu.

   Apparti dan l-ammont li jrid jiffinanżja l-Kunsill, il-Kunsill irid jiffinanżja xogħol li mhux eliġibbli għal-fondi li jammonta għal-€52,579.58 u l-ispejjes tal-perit li jammontaw għal-€28,646.08 peres li dawn mhux eliġibbli lanqas ladarba l-kuntratt tal-perit ma kienx maħruġ skond ir-regolamenti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, liema regolamenti japplikaw f'kaz ta' proġetti minn fondi ta' l-EU.

   Is-Segretarju Ezekuttiv talbet lill-Kunsill japprova li jidħol għal-dawn l-ispejjes sabiex dawn l-ispejjes jiddaħħlu mal-*commitments* tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva li jidħol għal-dawn l-ispejjes. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-ftehiem tal-*Co-Financing* biex ikun jista jintbagħat lura lill-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni (mehmuz).

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Sur Camilleri, l-kordinatur ta' Festa Frott talab li jsir appuntament biex issir laqgħa biex jingħata rendikont ta' l-attivita' li saret fit-3 ta' April 2011. Il-Kunsill unanimament qabel li l-laqgħa ssir nhar il-Erbgħa, 8 ta' Ġunju 2011 fid-9.00am.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li għalkemm il-Kunsill kien iddeċieda li jingħata t-*tarmac* fi Triq it-Tabib Zammit, liema xogħol għadu ma bediex minħabba diversi ċirkostanzi fosthom li l-kuntrattur dam biex tana l-*performance bond* u impenji oħra ta' xogħol minn naha tagħha fir-rigward ta' l-emendi f'applikazzjoni għal-fondi ERDF, issa li l-Kunsill irid joħroġ ċertu fondi biex jagħmel il-proġett tal-pjazza, il-Kunsill irid jara jekk hux f'pożizżjoni li jsir ix-xogħol fi Triq it-Tabib Zammit, għaldaqstant qabel ma jinbeda x-xogħol ser tikkonsulta ma' l-*accountant* tal-Kunsill u tipprezenta l-pożiżżjoni finanżjarja fil-laqgħa li jmiss biex il-Kunsill ikun jista jiddeċiedi x'jagħmel.

12. Il-Kunsillier Trevor DeGiorgio staqsa jekk Triq it-Tabib Zammit tistax tingħata *tarmac* bil-fondi UIF tal-MEPA. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tivverifika u tagħti risposta fil-laqgħa li jmiss.

13. Il-Kunsillier G. Borg innota li kellha ssir *road hump* fi Triq il-Kannizzata kantuniera ma Triq il-Ferrovija l-Qadima. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li ser tagħmel *follow-up* fuq il-materja biex isir ix-xogħol.

## 3. Korrispondenza.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn it-12 ta' Mejju 2011 u l-1 ta' Ġunju 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ġunju 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 582/11:** Memo 20/2011 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Immaniġġjar tal-iskart ġiet innutata.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi minn nhar it-Tnejn li għadda l-Wasteserv talbitna ninfurmaw lill-kuntrattur li jiġbrilna l-iskart biex imur jiddeposita' l-iskart fl-impjant ta' Sant'Antnin flok fil-Mgħatab bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa filwaqt li s-Sibt jibqa jmur il-Mgħatab. Dan ser ifisser li ser jiżdiedu l-ispejjes minn €30 għal-€35 kuljum u cioe' spiża ta' €1,040 fis-sena.

**Ittra Numru 576/11:** L-ittra ta' residenta li qed tikkritika l-mod kif isiru l-bankina quddiem il-garaxxijiet ġiet innutata.

**Ittra Numru 575/11:** L-ittra ta' residenta li ffirmat *Balzanija Pura* dwar żgħażagħ fil-*playing field* ġiet innutata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-ilment ġie rreferut lill-Pulizija biex jagħmlu speżżjoni.

**Ittra Numru 572/11:** L-ittra mill-Kazin San Gabriel biex il-parti l-ġdida ta' Triq Antonio Bosio tissemma għal-Konti Bernardo Macedonia Zammit – Benefattur Balzani 1891-1971 ġiet nnutata.

**Ittra Numru 555/11:** Il-permess minn Transport Malta biex issir tabella *Slow* fi Triq Antonio Bosio ġie nnutat.

**Ittra Numru 551/11:** Il-permess minn Transport Malta biex isir *Communal Parking for Blue Sticker Badge Holders* fi Triq il-Kbira ġie nnutat. Is-Sindku nnota li waslulu diversi ilmenti li l-*parking bay* mhux tintuża u li qed tispiċċa vojta l-ġurnata kollha.

**Ittra Numru 548/11:** Il-permess minn Transport Malta biex jikber l-*Alighting/Boarding Bay* fi Triq San Frangisk ġie nnutat.

**Ittra Numru 547/11:** Il-permess minn Transport Malta biex isir *single yellow line* fi Triq San Frangisk ġie nnutat.

**Ittra Numru 534/11:** L-ittra dwar Ko-Finanzjament għal-Proġett tal-Unjoni Ewropea ġiet nnutata. Ara deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa, artiklu 9 taħt "Mill-Minuti".

**Ittra Numru 532/11:** L-ittra tas-Sur Bezzina dwar il-ktieb tiegħu dwar Ħal Balzan ġiet innutata. Ara deċizjoni aktar kmieni waqt il-laqgħa, artiklu 4 taħt "Mill-Minuti".

## 4. Kommunikazzjoni tas-Sindku.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Segretarju Ezekuttiv talbet *transfer* għal-raġunijiet ta' saħħa u din it-talba saret fis-17 ta' Marzu 2011. Il-Kunsill innota li għandhom jibdew il-proċeduri biex jinstab Segretarju Ezekuttiv ġdid u li jingħata *handover* sew. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill Kunsill illi wara t-tibdil li sar fil-liġi l-proċedura ta' l-impjieġ ta' Segretarju Ezekuttiv inbidlet u llum Segretarju Ezekuttiv jiġi mgħażul minn *pool* ta' Segretarji Ezekuttivi li huma ħaddiem tal-Gvern li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali jżomm apposta. Hija qalet li hija nfurmata li kien qed isir it-*training* ta' Segretarji Ezekuttivi wara li saru l-intervisti biex isir dan il-*pool*.

## 5. Approvazzjoni tar-Rapport SEAP.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-Rapport SEAP (mehmuz). Kopja ngħatat lill-kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuz). Il-Kunsill unanimamant qabel li ssir laqgħa mas-Sur Mark Causon nhar it-Tlieta, 14 ta' Ġunju 2011 fis-2.30pm biex jigi diskuss ir-rapport.

## 6. Kunsill Lokali Żagħżagħ.

Din l-*item* ma ġietx diskussa peres li s-Sindku Kunsill Lokali Żagħżagħ Ħal Balzan ma attendietx.

## 7. Rapport dwar l-ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data tal-11 ta' Mejju 2011 (mehmuz).

**Ilment Numru 17011061145052:** Talba biex tinbidel id-direzzjoni ta' Triq it-Tabib Zammit bejn Triq il-Wied ta' Ħal Balzan u Triq Papa Piju XII biex jiġu evitati inċidenti tat-traffiku f'salib it-toroq ma Papa Piju XII. Il-Kunsill innota li jekk dan isir, ir-residenti ta' Triq it-Tabib Zammit jintlaqtu ħazin għax ma jkollhomx ħlief triq waħda, Triq in-Naxxar, biex jaslu lura d-dar u din mhiex konvenjenti speċjalment fir-*rush hour* għaldaqstant it-talba ma ntlaqgħetx.

**Ilment Numru 17011045143390:** Talba biex garaxxijiet li ma jintużawx biex fihom jiġu pparkjati vetturi titneħħilhom il-kaxxa s-safra li saret. Il-Kunsill talab li dawn il-kazijiet jiġu rreferuti lill-Pulizija għal-investigazzjoni.

**Ilment Numru 17011062143927:** Ilment li mhux isir infurzar fuq karru li jkun ipparkjat quddiem Rojolin Bakery fi Triq it-Tliet Knejjes. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Authorized Officer infurma li l-gwardjani lokali ma jistawx jinfurzaw din il-materja peres li ma hemmx delega. Hija talbet l-opinjoni tas-Sur David Soler fuq ir-risposta li ngħatat u kien għadha qed tistenna risposta.

**Ilment Numru 17011086144875:** Ilment dwar il-mod kif isiru l-bankini li jippreferi l-vetturi milli min jimxi fuqhom. L-ilment ġie nnutat.

**8. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-1 ta' Ġunju 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €9,500.21.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Ms. M. Zammit** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data